Minuti tal-laqgħa numru tnejn u sittin (62) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' April 2023 fis-6.20pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab illi s-seduta tiġi posposta għal ġurnata oħra milli dik miftehma 19 ta' April 2023, fil-laqgħa preċedenti, minħabba xi mpenji uffiċjali li kellu.

Il-laqgħa bdiet bi quorum fis-6.20pm mingħajr is-Sur Rudolph Grima li daħal fis-6.35pm.

62.01 **Talba u qari tal-Ittri ta' Apoloġija** Apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien Is-SE talab li jkunu **skużati** (assenti b'apoloġija) kemm lis-Sur Kris Grech kif ukoll is Sa Janice Busuttil.

62.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru sittin (60) u wieħed u sittin (61) b'urġenza.** Minuti 60 u 61

Il-**minuti** tas-seduta numru sittin (60) kif ukoll dik tas-seduta msejħa b'mod urġent bin-numru wieħed u sittin (61) kienu mogħtija minn qabel lill-kunsillieri b'mezz elettroniċi u dawn ġew meħuda moqrija u kien hemm emenda tas-Sur Rudolpl Grima li daħal għal-laqgħa fis-6:45pm f'dik bin-numru 61. Il-minuti kienu mressqa għal-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u issekondati mis-Sur Christophe Farrugia u dawn kienu approvati unanimament.

**Punti mill-minuti**

62.02.01 **Refurbishment tal-Kunsill: 8, Triq l-Isptar** Refurbishment 8, Triq l-Isptar

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus aġġorna lill-kunsillieri b'dak li qed iseħħ waqt ir refurbishment fil-Kunsill. Hu qal illi sa nhar il-21 ta' April, 2023, se jkunu mqaxxrin il-ħitan fuq il-ġebla tat-tielet sular biex ikun jista' jibda l-ittrinkar għall-elettriku, l ilma u l-air condition. Hu ta dak il-ħin stess kopja elettronika tal-pjanti mibdula mid-diżinjatur Carlo Schembri lis-SE għaliex il-hard copies li pprovda dan tal-aħħa kienu diffiċli biex jinqraw mingħajr il-big screen. Minkejja li f'laqgħa li nżamme matul il-ġimgħa li għaddiet bejn is-Sur Ryan Calleja mill-uffiċċju ta' Carlo Schembr u l-istaff kien hemm insistenza mill-istaff biex il-kamra li tkabbret kif tidħol mill bieb ta' barra fuq il-lemin ma ssirx reception, il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva b'vot unanimu illi din issir sala u r-reception jibqa fejn kien qabel ma tlaqna mis

sit. It-telefonati tan-nies però se jidħlu kollha fil-kamra magħrufa bħala tal computers fejn fiha se jkun hemm id-daħla għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u dawk anzjani peress li se jkun fiha rampa.

62.02.02 Is-Sindku stieden lis-SE sabiex jagħti rendikont dwar l-offerti pubbliċi. Hu qal illi tal ħaxix selvaġġ se tagħlaq fid-19 ta' April 2023. Dik tas-Saqqajja għall-bankijiet, litter bins, dog bins, plant gentians, lanterni u railing fuq il-ħajt li jagħti għat-Telgħa tas-Saqqajja kien ippubblikat. It-tender tal-kostruzzjoni tal-Pjazza ta' San Duminku, l-tana il-Perit Buhagiar, ma kienx aċċettat mill-EWA li huma l-partners tagħna tal Interreg u kellna ndaħħlu Inġinier ieħor, is-Sur Pierre Cassar li se jagħmel xi emend fih. Dan it-tender se jkun pubblikat kif jagħtina id-dokument l-istess Inġinier Cassar għaliex qegħdin tard u jistgħu jintilfu l-flus tal-INTERREG iffinanzjat mill-UE. Għall mistoqsija tas-Sur Nazju Cassar jekk hux se ssir ukoll il-bankina quddiem l-Imħallef fl-istess Misraħ, it-tweġiba kienet fin-negattiv għaliex il-perit ma daħħaliex fl offerta pubblika peress li hemm it-triq tifred il-ġnien mil-bankina. Is-Sur Sandro Craus qal illi dik għandha l-kurduna tal-konkos u lanqas Infrastruttura Malta ma riedu jneħħuha meta saret l-istess triq ftit tax-xhur ilu. Is-Sur Rudolph Grima qal illi għad fadallu xi ftit kurduna taż-żonqor meta kienu qalgħuhom minn Triq il-Kbira li possibilment jistgħu jintużaw hawnhekk f'Misraħ San Duminku. Tenders

62.02.03 Is-Sur Sandro Craus qal illi fil-festi ta' San Ġużepp u dawk tal-Ġimgħa l-Kbira morna tajjeb minn kull aspett: tindif, immaniġġjar tat-traffiku u anke permessi. Madankollu hu qal li mhux aċċettabbli illi bejjiegħ wieħed ikollu aktar minn posta waħda. Dan sar b'riferenza għal bejjiegħ tal-qubbajd li qed jarma' aktar minn posta waħda li hija kontra r-regola tas-sullokazzjoni mhux awtorizzata. Dan se jkun imġiegħel iżomm waħda biss f'kull festa. Bejjiegħa tal-istalls fil-festi

62.02.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li hu pre-okkupat illi m'għamilniex ring fencing tad-Development Fund fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant, hu talab illi s-SE jgħaddi d-dokumentazzjoni kollha biex isir refurbishment tal-logħob tat-tfal (play equipment) fi Ġnien il-Barnuża l-Ħamra fil-Baħrija. Intant l-applikazzjoni għall-istess font biex minnu jkunu ttappjati fondi biex tkun restawrata l-Knisja tal Kunċizzjoni konġuntalment mal-Kurja ta' Malta, imxiet 'il quddiem.

62.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 346 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 65**

Ċedola tal-Pagamenti numru 346 u dik tal-Purchase / Works Order numru 65

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex itella' fuq l-iscreen iċ-ċedola tal pagamenti 346 u dik tal-Purchase/Works Order 65. Dawn kienu approvati b'vot unanimu u kien hemm diskussjoni dwar din il-materja.

62.04 **Mistoqsijiet**

62.04.01 Is-Sur Nazju Cassar staqsa x'kienet ir-raġuni għaliex inqatgħu 90% tal-kont, mil pagament ippreżentat fl-aħħar seduta tas-Sur Charles Mifsud. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE sabiex itella' fuq l-iscreen ritratti ta' ħaxix ħażin fil Housing Estate ta' Għajn Qajjet f'Marzu 2023 (li eventwalment inħarat ftit wara mis-Sur Mifsud). Is-Sur Sandro Craus qal illi dan kien nuqqas tas-Sur Mifsud. Is-SE qal illi kien infurmat mis-Sa Roberta Galea illi s-Sindku kien talab lis-Sur Charles Gauci, il-kuntrattur l-ieħor ta' Lot 1,2 u 4 sabiex jagħmel iż-żabra ta' siġar f'lot 3 u għaldaqstant biex ikunu irkuprati l-ispejjeż inqatgħu l-ammonti mil-kont ta Mifsud. Is-Sur Nazju Cassar qal illi is-Sur Charles Mifsud ġie fl-uffiċċju tas-SE jilmenta illi dan mhux sew għaliex hu qatt ma ntalab jiżbor xi siġar mis-Sindku l Kuntrattur ta' Lot 3

kien qabbad lil xi ħaddiehor. Hu qal illi fejn kien mitlub jagħmel ħafna xogħol li ma kienx fit-tender bħall-Promenade ta' Għeriexem li ħoloq il-Gvern Ċentrali permez ta' Infrastruttura Malta li għamlet diversi konok bis-siġar u l-arbuxxelli, hu għaml wara li kien qallu s-Sindku permezz tas-SE. Intant, is-Sur Nazju Cassar qal illi il żmien jilmenta illi Ħofret ir-Rizz hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix. Meta kien mistoqs mis-Sindku, is-SE qal illi lis-Sur Charles Gauci li ma wettaq qatt xogħol fi Ġnien Bi Iljun għal diversi snin peress li kien se jinqala' u jsir mil-ġdid, ħadd ma naqqasl xejn mil-kont tax-xogħol li suppost sar u ma sar xejn. Anzi, dejjem ħallasna tax xtieli li xtara minn Garden Centres u li suppost ħallashom hu flimkien mal-bowser tal-ilma li suppost inklużi fit-tender tiegħu. Is-Sa Doris Coleiro talbet li jinqata' l ħaxix ħażin minn mal-blata storika ta' Triq Sant Aristarku u jittieħdu passi biex l arblu mmejjel issirlu manutenzjoni / jinbidel mill-Korporazzjoni Enemalta.

62.05 **Skema tad-Diviżjoni Gvern Lokali – SPI.SCI.1.2023 - Skema għall-Attivitajie Kulturali Annwali 2023** SPI/SCI/1/2023

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika għal żewġ proposti attivitajiet, dik tan-Natali Notabilis kif ukoll dik tar-Rabat Sacrum, minkejja li s-SE ġibed l-attenzjoni li skon il-guidelines nistgħu napplikaw għal waħda biss. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus is-Sur Rudolph Grima taw id-dati tat-23 u l-24 ta' Settembru 2023 għall-attività tal aħħar li se jieħdu ħsiebha huma. Huma qalu illi il-Wirt Kulturali Reliġjuż fir-Raba hemm bżonn li jkun aktar magħruf u diġà kellhom diversi laqgħat kemm mal Arċipriet tal-Bażilika, kif ukoll mal-Gwardjan tal-Knisja ta' Santa Marija u ta' Ġesù u l-Pirjoli ta' Santu Wistin u ta' San Franġisk. Mad-Dumnikani intqal illi daw għandhom ħafna quddies nhar ta' Ħadd u ma xtaqux li jinterrompuh bl-attività Rabat Sacrum. L-attrazzjonijiet se jkunu d-dekorazzjonijiet tal-artali fil-Knejjes fjakkolata, baned, re-enactments u ikel tradizzjonali Malti. Madankollu is-Sindku is-Sur Sandro Craus, qal illi rridu nippreżentaw b'mod aktar ta' għarfien l-art peress li fir-Rabat għandna ħafna xogħlijiet ta' pittura kbar ta' p.eż Mattia Preti Ghaldaqstant, il-15% li se jiffinanzja l-Kunsill Lokali tar-Rabat fl-attivita Natali Notabilis jammontaw ghal €65,241.29 u l-15% li ser jiffinanzja l-Kunsill Lokali tar Rabat fl-attivita Rabat Sacrum tammonta ghal €45,781.

62.06 **Skema tad-Diviżjoni Gvern Lokali - SPI.SCI.2.2023 - Espressjoni ta' Interes għal servizz ta' Manutenzjoni fil-libreriji Lokali u Reġjonali** SPI/SCI/2/2023

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika għall-iskema skont in-nuqqasijiet elenkat mill-istess librar. L-istess nuqqasijiet li hemm fil-librerija ġew ukoll elenkati fl Assessment Report li se jkun anness fl-istess applikazzjoni.

62.07 **Skema tad-Diviżjoni Gvern Lokali - SPI.SCI.3.2023 - Clean Up The Worl 2023 – Biex jiġi magħżul il-post.** SPI/SCI/3/2023

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li japplika għal din l-attività biex jieħu fond u jqajjem kuxjenza favur it-tindif ta' żoni fir-Rabat li jinsabu maħmuġa. Is-sit s jkun magħżul f'seduta oħra filwaqt li se jkun hemm stedina lill-għaqdiet kollha tar Rabat biex jipparteċipaw magħna f'din il=-kampanja mondjali.

62.08 **Skema tad-Diviżjoni Gvern Lokali - SPI.SCI.4.2023 - Komunitajiet akta siguri u organizzati** SPI/SCI/4/2023

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda li japplika għal din l-iskema biex toktor is sigurtà fir-Rabat permezz ta' stallar ta' aktar cctv cameras fiċ-ċentru tar-Rabat. Is siti se jkunu stabbiliti aktar tard f'seduta oħra.

62.09 **Skema tad-Diviżjoni Gvern Lokali – SPI.SCI.5.2023 - Fondi ta' Manutenzjon u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri mwettqa mill-Gvern Ċentral** SPI/SCI/5/2023

Is-SE talab lill-kunsillieri biex jissuġġerixxu huma dwar liema post se napplikaw bie: titwettaq manutenzjoni fuq proġetti li kienu saru mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku, is Sur Sandro Craus kien tal-ideja illi napplikaw biex nirranġaw il-Car Park ta' Wesgħe Anton Agius. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan is-sit.

62.10 **L-approvazzjoni tal-kuntratt tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Pjazza Sa Duminku** INTERREG GIFLUID

Ara 62.02.02

62.11 **PA 7360/22 Propost Guest House, Restaurant and ancillary facilities f'Alcazar, il-Kuncizzjoni** PA7360/22

Ma kienx hemm oġġezzjoni għaliex fil-passat hekk kien l-użu tas-sit.

62.12 **Talba lid-DLG *għal Direct Order* – Triq ir-Rebħa tarmac il-wisgħa tat-tri kollha wara xogħlijiet mill-Enemalta** Trinka fi Triq ir-Rebħa

Wara li għaddew il-cables tal-Korporazzjoni mis-Sub Station tal-Korporazzjon Enemalta fi Triq ir-Rebħa, kienu saru wkoll xi xogħlijiet tas-Servizzi tal-Ilma. Daw irrendew it-triq fi stat li trid tinkesa' kompletament u mhux sempliċiment isir re instatement fuq il-gandott u wara ftit jinqala' kollox. Is-Sindku, is-Sur Sandro Crau informa lill-KLR illi l-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta talab żieda ta' €30,00 biex ikompli l-kumplament tal-wisgħa tat-triq filwaqt li l-Korporazzjoni Enemalt talbet €41,000 biex jagħmlu l-istess xogħol. Din tal-aħħar kienet avviċinata wara l s-SE għamel talba biex issir Direct Order fuq il-kuntrattur lid-Diviżjoni Gvern Loka u dawn kienu tal-parir illi d-Direct Order toħroġ fuq l-istess Korporazzjon Enemalta. Ma kien deċiż xejn s'issa u se nkunu qed naraw żviluppi fil-laqgħa tal Kunsill li jmiss.

62.13 **Biex jinstab post ħalli jitħawwlu siġar mill-HSBC permezz tar-Reġjun Punen u *Move Malta*** Donazzjoni ta' siġa

Din l-item ma kienetx diskussa.

62.14 **Talba għal kumpens fuq tyre ta' vettura fil-Fiddien mis-Sur Barbara, u S Grech fi Triq it-Tiġrija.** Talbiet għal kumpens

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ra ż-żewġ talbiet. Tal-ewwel seħħet fuq is-sentina l nbniet matul ix-xhur li għaddew mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma met għaddew id-drenaġġ f'Landrijiet u jirriżulta li hemm difett bl-ilma ħiereġ minn taħ wiċċ it-triq u din kull darba titħaffer. Fit-tieni każ Triq it-Tiġrija ġarrbet ħsarat kba fuq it-tarmak li għadu kemm tpoġġa minn Infrastruttura Malta minn meta seħħe il-maltempata Helios. Il-KLR iddeċieda biex jirrispondi lil dawn il-persuni bie jindirizzaw it-talbiet tagħhom lill-KSI u lill-Infrastruttura Malta peress li hum responsabbli għal dawn l-inċidenti.

62.15 **Tpoġġija ta' flus fil-Qrati ta' Malta** KLR vs Eks Contrac Manager

B'riferenza għall-każ fil-Qrati tal-eks contract manager, is-SE qal illi Dr Richar Sladden tana l-parir illi jitpoġġew il-flus fil-Qrati tal-aħħar żewġ kontijiet tiegħu Il-KLR ma kellux oġġezzjoni u se jsir kif suġġerit fuq il-parir tal-Avukat.

62.16 **Applikazzjoni: Measure 4.4 - RDP – Support for non-productive investment linked to the achievement of agri-environment-climate objectives**

Manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se japplika għat-tiswija ta' diversi ħitan tas-sejjiegħ l kkrollaw speċjalment fil-maltempata Helios. Fuq din l-applikazzjoni qed jaħdmı fuqha is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kif ukoll is-Sur Nazju Cassar.

62.17 **Town/Urban Planning – Kummissjonar ta' persuna**

Town/Urban Planner

Is-Sur Chris Farrugia ippropona lill-Prof Vince Buhagiar mill-Environmental Desigı and Faculty of Build Environment tal-Università ta' Malta biex jassistina fil proposta li saret f'minuti wieħed u sittin (61) ħalli jinstab bilanċ bejn ir-residenti ı l-entitajiet kummerċjali fiz-zona turistika tar-Rabat fejn għandna diversi barijiet ı ristoranti. 99449930 . Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li ssir laqgħa fuq hekk ı tkun open għall-kunsillieri kollha nteressati. vincent.buhagiar@um.edu.mt

62.18 **Punti Oħra**

62.18.01 Is-Sur Chris Farrugia talab sabiex jitwaħħal **Doggy bin** fi Pjazza Forok għaliex kellı talba għalih minn persuni jdawwru l-klieb.

Doggy Bins

62.18.02 Is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa li fil-Bini tal-Kunsill, 8, Triq l-Isptar, ikun hemm spazju biex jitwaħħlu **żewġ statwi** żgħar ta' San Pawl u ta' San Ġużepp. Hu qal l kellem lis-Sur Joseph Scerri biex jagħmlilna dik ta' San Pawl u lis-Sur Michael Agiu biex jagħmlilna dik ta' San Ġużepp. Informa lill-kunsillieri wkoll illi l-arblu tal bandiera għall-istess sit issa nxtara u l-**bnadar** kbar ta' Malta u tal-Papa diġ qegħdin għandna.

Statwi ta' San Pawl u San Ġużepp

62.18.03 Is-Sur Sandro Craus, is-Sindku, informa lill-kunsillieri illi TM se jibdew mil-lista l tajnihom tat-toroq li għandhom jinksew mil-ġdid minn Triq Pawlu Xuereb, Triq it Torri u Triq Vincenzo Pellegrini. Dan ix-xogħol hu mistenni li jibda' f'Mejju 202 filwaqt li Triq il-Kbira, ix-xogħol tal-mejnijiet tal-ilma komplew bejn il-Pompa u l Uffiċċju tal-Kunsill. Issa jmiss id-drenaġġ biex tkun ingħalqet part oħra ta' dawn ix xogħlijiet.

Kisi ta' toroq u bini ta' toroq mil-ġdid

62.18.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri li qabbad lis-Sur Kenneth Bugeja tal-kumpanija I0 Project Ltd biex ikompli ix-xogħol ta' landscaping ta' Triq Santa Rita. Hu qal illi dan se jissokta quddiem il-Kappella ta' Qasgħa. Infatti matu il-ġimgħa li għaddiet inħartet l-art u tħawwlu żewġ żebbuġiet, żewġ pines u qed jitħejja l-apparat tal-irrigazzjoni. Fl-istess ħin qed jintemm ix-xogħol ta landscaping fi Ġnien Bir Iljun u fuq is-sub station tal-Korporazzjoni Enemalta u s saqaf tal-latrina pubblika fi Triq Sant Rita.

Landscaping

62.18.05 Is-Sur Rudolph Grima talab li jkun skużat fid-8:45. Ma kienx hemm oġġezzjoni ı dan ħalla l-kamra.

Sur Rudolph Grima

62.18.06 Is-SE kien mitlub sabiex napplikaw għall-bollards tal-plastik fi Vjal il-Ħaddiem quddiem il-Luxonas biex ma jibqax ikun hemm parkeġġ bl-addoċċ qabel ma' jtajrı lil xi ħadd.

Maniġġjar tat-Traffiku fi Vjal il-Ħaddiem

62.18.07 Is-Sa Doris Coleiro talbet biex isiru mera u *double yellow line* fi Triq Bużugrill kantuniera ma Triq l-Iskultura fejn il-mini market u s-SE kien mitlub sabiex tinżaba yukka li hemm f'Għajn Qajjet. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

Double Yellow Line

62.18.08 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lis-SE itella' xi ritratti minn fuq l-e-mail l bagħtlu wkoll dak il-ħin biex jitwaddab il-konkos fi Triq il-Lawrenti fejn l-għalqa tas Sur Charles Gauci. Ma kienx hemm oġġezzjoni. Konkos fi Triq Lawrenti

62.18.09 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab li l-KLR iwettaq xogħol fiċ-ċimiterju tal-Gverı biex jitpoġġa toilet u sink minħabba s-saħħa u sigurtà tad-deffiena li jqattgħı ħinijiet twal hemmhekk mingħajr ma għandhom faċilitajiet sanitarji. Ma kier hemm oġġezzjoni. Xogħlijiet fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita

62.19 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u dik li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Mejju 2023 fl istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.5.23 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku